# Beati u Qaddisin....Novembru

## Santa Elizabetta Regina ta' l-Ungerija 17 ta' Novembru



Giambattista Pittoni, S. Elisabetta d'Ungheria distribuisce l'elemosina
1734, Museum of Fine Arts, Budapest

Hija t-tifla ta' Andrea, re ta' l-Ungerija u Gertrude, mara nobbli minn Merano. Hajjitha kienet wahda qasira.

Twieled fis-sena 1207 u kienet imwieghda lil Ludovigo iben u eredi tat-tron ta' Turingia. Izzewget ta' 14 il-sena u ta' hmistax-il sena saret omm u meta kellha 20 sena sfat armla. Ludovico zewgha miet gewwa Otranto waqt li kien qed jistenna li jimbarka ma' Frederiku II fil-krucjata ghal-Art Mqaddsa. Marda qalila hakmitu u hasditu minn wicc id-dinja.

Elizabetta kellha tlett ulied. L-ewwel wiehed kien tifel jismu Ermanno u zewgt ibniet warajh jisimhom Sofia u Gertrude li twieledet meta missierha kien diga miet. Wara l- mewt ta' zewgha hija iritirat gewwa Eisenach, imbaghad fil-kastell ta' Pottenstein

biex imbaghad ghazlet bhala post fejn tghix dar modesta gewwa Marburgo fejn bniet sptar minn flusha u ftaqret.

Inkitbet mat-terz'ordni tal-frangiskani u kienet hija stess izzur il-morda darbtejn matul il-jum u tghinhom fil-htigijiet taghhom. Kienet tmur titlob karita' u taghmel l-aktar xoghlijiet umli fejn kien mehtieg. Din l-ghazla ta' hajja sawret u qajmet rabbja kbira fost il-kunjati taghha li waslu biex hadulha l-kustodja ta' uliedha.

Mietet gewwa Marburgo fil-Germanja fis-17 ta' Novembru 1231 u kien il-Papa Girgor IX li fis-sena 1235 ghamilha qaddisa